



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 8 ta' Mejju 2012 (15.05)
(OR. en)**

**8870/2/12
REV 2**

**ENER 135
ENV 292
POLGEN 62**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	18597/11 ENER 408 ENV 973 POLGEN 232
Suġġett:	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 = Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu fl-Anness I verżjoni rivista (bidliet magħmula sa taqsima 2 inkluża) tal-konklużjonijiet imsemmijin hawn fuq abbażi tal-eżami mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija fit-3 ta' Mejju u l-kummenti bil-miktub riċevuti.

Wara kummenti li saru dwar referenzi tajbin li l-UE topera f'kuntest globali kif ukoll għall-ambjent u t-tibdil fil-klima, id-delegazzjonijiet għandhom jinnotaw li t-taqsima (4) tal-konklużjonijiet hi dedikata lid-dimensjoni esterna tal-politika tal-UE dwar l-enerġija li fiha ġiet introdotta referenza ċara għall-fatt li l-UE topera f'kuntest globali. Barra minn hekk, huwa mtenni li l-abbozz ta' konklużjonijiet jiffokaw fuq kwistjonijiet relatati mal-enerġija, mingħajr preġudizzju għall-miżuri meħuda jew konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fil-qasam ambjentali.

Id-delegazzjonijiet kollha għandhom riżerva ta' skrutinju ġenerali dwar it-test.

**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

WAQT LI JFAKKAR:

- fil-konklużjonijiet dwar l-enerġija, adottati mill-Kunsill Ewropew fl-4 ta' Frar 2011,
- fil-konklużjonijiet dwar "Enerġija 2020; Strateġija għal enerġija kompetittività, sostenibbli u b'sigurtà", adottata mill-Kunsill TTE fit-28 ta' Frar 2011,
- fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fid-29/30 ta' Ottubru 2009, speċjalment rigward il-punt 7 ta' Taqsima II (Tibdil fil-Klima) fejn il-Kunsill Ewropew japoġġa għan tal-UE, fil-kuntest ta' tnaqqis neċessarju skont l-IPCC mill-pajjiżi żviluppati bħala grupp, għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' **gassijiet b'effett ta' serra** bi 80-95% sal-2050 meta mqabbel mal-livelli tal-1990,
- **fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fid-9 ta' Diċembru 2011, speċjalment rigward il-paragrafu 7, taqsima II (Enerġija) b'referenza għall-ftehim dwar l-istrateġija 2050 għall-emissjonijiet baxxi ta' karbonju.**

FILWAQT LI JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, tal-15 ta' Diċembru 2011, dwar il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 li jipprovdi, permezz tal-approċċ tekniku newtru tiegħu u d-diversità tax-xenarji illustrattivi tiegħu, prospettivi utli dwar ir-rotot varji lejn id-dekarbonizzazzjoni¹ tas-sistema Ewropea tal-enerġija sal-2050.

FILWAQT LI JILQA' l-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 bħala gwida għall-iżvilupp ta' qafas ta' politika stabbli fit-tul lejn sistema tal-enerġija dekarbonizzata, sostenibbli, kompetittiva, **bi prezz raġonevoli**, sikura u sigura fl-2050, **permezz tal-identifikazzjoni tiegħu ta'** għażliet ewlenin, taħt ċerti suppożizzjonijiet, għat-tnaqqis tal-inċertezza fost l-investituri, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u ċ-ċittadini.

¹ Ir-referenza għal "dekarbonizzazzjoni" u "livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju" tul dawn il-konklużjonijiet għandha tinftiehem li ma teskludix it-teknoloġiji tal-enerġija li, filwaqt li jużaw karburant abbażi ta' karbonju, għandhom emissjonijiet baxxi ta' karbonju.

1. **Prinċipji orizzontali**

1. JISĦAQ il-ħtieġa urġenti **għat-tnedija ta' proċess** għal trasformazzjoni ewlenija fil-produzzjoni, il-provvista u l-konsum ta' enerġija sabiex jintlaħaq l-għan ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE **u l-għanijiet tal-iżgurar tas-sigurtà fil-provvista u l-kompetittività tal-enerġija** b'mod sostenibbli, kost-**effettiv**, effiċjenti, **diversifikat** fit-teknoloġija, aċċettabbli għas-soċjetà u l-ambjent, waqt li jittieħed kont tat-taħlita enerġetika nazzjonali, **il-preferenzi**, il-potenzjal u l-karatteristiċi ta' kull Stat Membru.
- 1a. JISĦAQ li l-provvista tal-enerġija u s-sigurtà tal-enerġija huma interkonnessi b'mod qawwi mal-iżvilupp u l-kompetittività ekonomiċi tal-UE u b'hekk JENFASIZZA l-ħtieġa għall-eżerċizzju tat-transizzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-UE waqt li jittieħed kont tal-iżviluppi globali.
2. JIRRIKONOXXI li l-inkarigu tal-iżvilupp ta' strateġiji għal wara l-2020 li joħloq qafas ta' investiment aktar stabbli huwa neċessarju u urġenti, u għalhekk JINKORAĠĠIXXI ħidma li tiddefinixxi l-qafas ta' **politika** 2030 fl-iskeda ta' żmien adatta, għall-proviżjoni ta' sigurtà għall-investitur u tiġi żgurata transizzjoni kost-**effettiva** u effiċjenti waqt li jiġu evitati effetti ta' saturazzjoni, waqt li JISSOTTOLINJA, il-ħtieġa għall-iżgurar u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni sħiħa u fil-ħin tal-prijoritajiet tal-istrateġija tal-Enerġija 2020 tal-UE, inkluż il-leġislazzjoni mitluba mill-istrateġija.
3. JIRRIKONOXXI, taħt ċerti suppożizzjonijiet, is-sejbiet tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 li d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija fuq skala mifruxa mal-UE hi teknikament u ekonomikament fattibbli, u fit-tul tista tiswa' inqas mill-kontinwazzjoni tal-politiki attwali; u li investimenti sikuri ser irendu fil-perspettiva fit-tul, f'termini ta' tkabbir, impjiegi, sigurtà akbar fl-enerġija u spejjeż aktar baxxi tal-karburant waqt li, fl-istess ħin, inaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjoni. **JINNOTA, li l-ispejjeż tat-transizzjoni lejn id-dekarbonizzazzjoni mhux ser ikunu l-istess fost l-Istati Membri.**

4. Sabiex jassisti t-transizzjoni tas-sistema tal-enerġija, JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għall-promozzjoni ta' azzjonijiet adegwati għall-pubbliku ġenerali, b'mod partikolari li jikkonċernaw:
- ir-rwol tal-konsumatur, speċjalment rigward il-ġestjoni tad-domanda;
 - il-konsegwenzi għall-kompetittività, it-tkabbir, l-impjiegi, **il-benefiċċji tas-saħħa** u xogħlijiet;
 - l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' ħliet biex issir it-transizzjoni;
 - sensibilizzazzjoni u aċċettazzjoni pubbliċi;
 - l-indirizzar ta' konsegwenzi ta' żidiet **potenzjali fil-prezzijiet** tal-enerġija għall-konsumaturi, b'mod partikolari għal dawk l-iktar vulnerabbli.
5. Waqt li JFAKKAR fil-kompetenza ta' kull Stat Membru li jiddefinixxi t-taħlita enerġetika tiegħu stess u JIRRIKONOXXI li l-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 jikkumplementa l-isforzi nazzjonali, reġjonali u lokali għall-immodernizzar tal-provvista tal-enerġija, JAPPELLA lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jkomplu jfittxu possibbiltajiet li jistgħu jilħqu l-għan ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE b'mod ekonomikament effiċjenti u sostenibbli, u jkomplu l-isforzi biex jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal għal tfaddil kost-effettiv tal-enerġija, waqt li JIRRIKONOXXI l-mertu fl-iżvilupp ta' approċċ Ewropew **aktar** koordinat f'dan l-għemil.

2. Elementi ewlenin tal-istrateġija fit-tul

1. JIRRIKONOXXI **s-sejbiet tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050** li l-elementi ewlenin **li ġejjin** jkunu meħtieġa fir-rotot lejn sistema ta' enerġija 2050 b'emmissjoni baxxa ta' karbonju (għażliet "mingħajr dispjaċir");
- il-ħtieġa urġenti għal infrastruttura għda, intelliġenti u flessibbli u ppjanar integrat b'mod sħiħ tan-networks, kif irriżulta neċessarju;
 - il-ħtieġa għal aktar effiċjenza enerġetika biex tiġi żgurata sistema ta' enerġija aktar effiċjenti u biex jinholq qafas stabbli għal investiment ta' effiċjenza tal-enerġija wara l-2020;
 - li sehem oġġla **b'mod sinifikanti** ta' enerġija rinnovabbli dejjem l-2020 **bħala** aspett ewlieni ta' sistema ta' enerġija **aktar sigura u** sostenibbli u, waqt li JIKKUNSIDRA n-natura ta' enerġija rinnovabbli dejjem aktar kompetittiva, **JINNOTA ulterjorment** li x-xenarji kollha ta' dekarbonizzazzjoni esplorati fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni jissuġġerixxu sehem ikbar tat-taħlita enerġetika għall-enerġija rinnovabbli ta' madwar 30% tal-konsum tal-enerġija finali gross **fl-2030**.

- 1a. **JIRRIKONNOXXI**, bħala element addizzjonali rekwiżit fid-direzzjoni lejn sistema tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju 2050, il-ħtieġa li jiġu żviluppati teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bla ebda periklu u sostenibbli f'konformità mal-preferenzi nazzjonali tal-Istati Membri stess. **JENFASIZZA** li t-transizzjoni tas-sistema tal-enerġija lejn id-dekarbonizzazzjoni ser teħtieġ investimenti pubbliċi u privati konsiderevoli fir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni teknoloġika u **JISSOTTOLINJA** l-importanza li jiġu ffaċilitati soluzzjonijiet tekniċi immotivati mis-suq; **JIRRIKONNOXXI** l-importanza tal-implimentazzjoni, it-titjib u l-finanzjament kontinwu tal-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija (SET)¹ u ta' inizjattivi teknoloġiċi oħrajn, kif adatt;
2. **JENFASIZZA** minn perspettiva ta' sigurtà tal-provvista u l-kompettitività, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak internazzjonali, il-benefiċċju li jinżammu soluzzjonijiet diversifikati fit-teknoloġija li għandhom ikunu ambjentalment sani, kif ukoll aċċettati mis-soċjetà u l-ambjent.
- 2a. **JINNOTA** li l-aqwa użu, u **użu** sikur u sostenibbli ta' riżorsi domestiċi tal-enerġija u l-**infrastruttura meħtieġa jistgħu jikkontribwixxu** għal sigurtà enerġetika u kompettitività **miżjuda**.
- 2b. **JINNOTA s-sejbiet tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050** li l-gass se jkun kritiku għat-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija.
- 2c. **JIRRIKONNOXXI** l-ħtieġa li tiġi kkunsidrata l-integrazzjoni sħiħa tas-settur tat-trasport fir-rotot lejn sistema tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju 2050.
3. **JIKKUNSIDRA** li pprezzar tal-karbonju adatt u robust u strumenti oħrajn orjentati lejn is-suq **bħat-tassazzjoni tal-enerġija** huma għodod effiċjenti biex jinkiseb tnaqqis tal-emissjoni ta' gassijiet serra u jistgħu jipprovdu inċentiv għall-investimenti f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sikuri, sostenibbli u nodfa madwar l-UE; **JENFASIZZA** li l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, bl-ETS bħala strument prinċipali, għandu jkollu rwol akbar fit-tul, waqt li, **b'kont meħud tal-isforzi minn pajjiżi terzi**, għandu jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi biex tiġi evitata rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju.

¹ L-Awstrija tixtieq tfakkar fid-dikjarazzjoni tagħha għall-minuti tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2008 fir-rigward tal-Pjan SET.

3. Suq intern tal-enerġija

1. JISĦAQ li l-politiki tal-UE għat-tibdil fil-klima u l-enerġija u aktar titjib tas-suq tal-enerġija tal-UE kollha ser ikunu fundamentali biex jinkisbu l-oġettivi tal-UE għall-enerġija u t-tibdil fil-klima b'mod kost-effettiv; waqt li JENFASIZZA l-hteġa għall-suq kompletament integrat sal-2014, JINNOTA l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa fl-Istati Membri kollha tal-leġislazzjoni tas-suq intern tal-enerġija kif ukoll il-hteġa **li jiġi evitat li xi Stat Membru jibqa' iżolat min-networks Ewropej tal-gass u l-elettriku wara l-2015.**
2. JISSOTTO LINJA l-importanza li jiġi żgurat li l-iżviluppi tal-politika u dawk regolatorji fl-Istati Membri jeliminaw il-"konġestjonijiet" li fadal u ma joħolqux ostakli ġodda għall-elettriku u l-gass jew għall-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija u li l-iżviluppi tal-politika tal-enerġija għandhom jikkunsidraw bis-sħiħ kif kull sistema nazzjonali tista' tiġi effettwata mid-deċiżjonijiet ta' pajjiżi ġirien. JENFASIZZA r-rwol importanti ta' koordinazzjoni **tajba, skambju ta' informazzjoni u monitoraġġ regolari** ta' politiki nazzjonali f'dan ir-rigward.
3. JFAKKAR li swieq għandu ikomplu jkollhom ir-rwol ewlieni fil-finanzzjament ta' investimenti ta' infrastruttura tal-enerġija, b'l-ispejjeż irkuprati permezz ta' tariffi u l-inklużjoni ta' spejjeż esterni, waqt li JIKKONFERMA li hemm xi proġetti, li jistgħu jkunu jeħtieġu **xi** appoġġ pubbliku limitat **biex jistimulaw il-finanzzjament privat** u JENFASIZZA li kwalunkwe kontribuzzjoni mill-pubbliku għandha tintgħażel abbażi ta' kriterji ċari u trasparenti.
4. JIRRIKONOXXI li l-ewwel tveġiba għall-identifikazzjoni b'mod ċar ta' distorsjonijiet fis-suq tal-enerġija għandhom ikunu miżuri għat-titjib tal-funzjonament tas-suq. Għalhekk, JAPPELLA għar-razzjonalizzazzjoni u t-tneħħija gradwali ta' sussidji li jagħmlu l-ħsara lill-ambjent jew lill-ekonomija inklużi **għal** karburanti fossili.

4. Esterni

Waqt li JIRRIKONOXXI li l-UE topera f'kuntest globali, JFAKKAR il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-TTE ta' Novembru 2011 dwar it-tisħiħ tad-dimensjoni esterna tal-politika dwar l-enerġija tal-UE, il-bżonn għal approċċ usa' u aktar koordinat tal-UE għar-relazzjonijiet internazzjonali dwar l-enerġija sabiex jintlaħqu sfidi globali dwar l-enerġija u l-bidla fil-klima u jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' kompetittività u rilokazzjoni tal-emmissjonijiet tal-karbonju, waqt li fl-istess ħin tiġi żgurata provvista ta' enerġija bla perikli, sikura u diversa.

5. Segwitu

1. Bil-ħsieb għat-tnaqqis ta' inċertezza regolatorja fit-tul, JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipproponi qafas ta' politika 2030 ladarba tkun ġiet revista analiżi tal-ewwel riżultati tal-pakkett dwar il-klima u l-enerġija u l-aktar tard sa Frar 2014, ibbażata fuq l-opzjonijiet bla dispjaċiri identifikati fil-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 u tagħlimiet miksuba mill-qafas 2020, inklużi l-interazzjonijiet bejn miri differenti, strumenti, **żviluppi fl-infrastruttura** u skemi ta' appoġġ nazzjonali, waqt li jittieħed kont tal-impatt fuq l-Istati Membri, it-taħlitiet varji potenzjali ta' enerġija u kundizzjonijiet nazzjonali fl-Istati Membri u ta' żviluppi internazzjonali bħar-rilokazzjoni tal-emmissjonijiet tal-karbonju u effetti ħżiena fuq il-kompetittività.
2. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tosserva u tirrapporta b'mod regolari miżuri u leġislazzjoni li diġà qiegħdin fis-seħħ deskritti fil-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050, waqt li tagħmel użu sħiħ tal-mekkaniżmi ta' rappurtar li jeżistu, u tipproċedi b'azzjonijiet adatti bħala riżultat tal-monitoraġġ. Waqt li JIŻHAQ li deċiżjonijiet **f'waqthom** għandhom jittieħdu fuq il-bażi tal-informazzjoni attwali u l-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050, JIPPREVEDI reviżjoni regolari tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 **f'approċċ ripetut mal-involvement kontinwu u regolari tal-Istati Membri, u b'mod trasparenti.**
3. **JISTENNA l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar sorsi ta' enerġija rinnovabbli, CCS u s-suq intern li ser jindirizzaw elementi prinċipali għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050.**

TIMETABLE

15 December	– Communication on Energy Roadmap – circulation of timetable
9 January	preliminary comments/questions on the Communication
10 January	WPENER: presentation of Communication and IA /examination
(tbc) 7 February	Conference on the Energy Roadmap (Brussels)
1 March	deadline for comments on the Communication
6 March	circulation of conclusions outline
13 March	WPENER: presentation of conclusions outline / preliminary reactions
23 March	deadline for comments on outline
19-20 April	Informal Energy Ministerial
23 April	circulation of 1st draft conclusions
24 April	WPENER: presentation of draft conclusions
30 April (12h00)	deadline for comments on 1st draft
30 April	circulation of 2nd draft conclusions
3 May	WPENER: examination of conclusions
7 May	deadline for comments on 2nd draft
8 May	circulation of 3rd draft conclusions
10 May	WPENER: examination of conclusions
16 May	deadline for comments on 3rd draft
22 May	circulation of 4th draft conclusions
29 May (<i>poss</i>)	WPENER: examination of conclusions
1 June	Coreper
15 June	TTE